REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/596

tal-15 ta' April 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 606/2009 fir-rigward taż-żieda fil-kontenut massimu totali tad-dijossidu tal-kubrit meta meħtieġ minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 91(c) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 [2] jistabbilixxi l-kontenut massimu permissibbli tad-dijossidu tal-kubrit fl-inbid. Il-punt A(4) tal-Anness I B tiegħu jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw żieda ta' massimu ta' 50 milligramma l-litru fil-livelli massimi totali ta' dijossidu tal-kubrit ta' anqas minn 300 milligramma l-litru, meta meħtieġ minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima.

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi bagħtu talba uffiċjali biex iżidu l-kontenut massimu totali permissibbli tad-dijossidu tal-kubrit fl-inbid ta' anqas minn 300 milligramma l-litru b'massimu ta' 50 milligramma l-litru għall-inbid magħmul minn għeneb maqtugħ fl-2014 fiż-żoni tal-vitikultura tal-Länder Ġermaniżi "Baden-Württemberg", "Bavaria", "Hessen" and "Rhineland Palatinate".

(3) In-nota teknika maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi tindika li l-kundizzjonijiet tal-klima, b'mod partikolari temp sħun u umdu waqt il-ħsad, wasslu għall-iżvilupp ta' pesti li jipproduċu l-piruvat, l-aċetaldeid u l-aċidu alfa-ketoglutariku. Dawn is-sustanzi jingħaqdu mad-dijossidu tal-kubrit u jnaqqsu l-azzjoni preżervattiva tiegħu. Għalhekk, il-kwantitajiet totali tad-dijossidu tal-kubrit meħtieġa biex jiżguraw il-vinifikazzjoni u l-konservazzjoni xierqa huma ogħla f'inbid magħmul minn dak l-għeneb. Għal din ir-raġuni, l-awtorizzazzjoni temporanja msemmija fil-punt A(4) tal-Anness I B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 hija l-unika għażla disponibbli biex l-għeneb milqut minn dawn il-kundizzjonijiet tal-klima mhux favorevoli jkun jista' jintuża għall-produzzjoni ta' nbejjed li jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 606/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Appendiċi 1 tal-Anness I B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 qed jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"Appendiċi I

Żieda fil-kontenut massimu totali tad-dijossidu tal-kubrit meta meħtieġ minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima

	Sena	Stat Membru	Iż-żoni tal-vitikultura	L-inbejjed ikkonċernati
1.	2000	Il-Ġermanja	Iż-żoni tal-vitikultura kollha tal-Ġermanja	L-inbejjed kollha mill-għeneb miġbur fis-sena 2000
2.	2006	Il-Ġermanja	Iż-żoni tal-vitikultura fir-reġjuni ta' Baden-Württemberg, il-Bavarja, Hesse u Rhineland Palatinate	L-inbejjed kollha mill-għeneb miġbur fis-sena 2006
3.	2006	Franza	Iż-żoni tal-vitikultura fid-dipartimenti Bas-Rhin u Haut-Rhin	L-inbejjed kollha mill-għeneb miġbur fis-sena 2006
4.	2013	Il-Ġermanja	Iż-żoni tal-vitikultura fiż-żona demarkata ta' denominazzjoni protetta tal-oriġini 'Mosel' u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti 'Landwein der Mosel', 'Landwein der Ruwer', 'Landwein der Saar' u 'Saarländischer Landwein'	L-inbejjed kollha mill-għeneb miġbur fis-sena 2013
5.	2014	Il-Ġermanja	Iż-żoni tal-vitikultura fil- Länder ta' 'Baden-Württemberg', 'Bavaria', 'Hessen' u 'Rhineland Palatinate'	L-inbejjed kollha mill-għeneb miġbur fis-sena 2014"